# Il-Kitbiet tal-apologisti tal-Banda De Rohan



il-Kumitat



**Dan l-aħħar is-Sur Henry Camilleri għoġbu jibgħat żewġ ittri, waħda lill-PRO tal-Għaqda Każin Banda San Filep u oħra lill-President tal-istess Għaqda. Fl-ewwel waħda fisser għaliex jaħseb li l-Banda San Filep bdiet fl-1889. Dan għaliex huwa ltaqa' ma żewġ rapporti fil-gazzetta MALTA tal-11 u tat-23 t'April 1889. L-ewwel kitba ħabbret li s-*"Società Filarmonica San Filippo della Citta Rohan"* kienet se tagħmel programm mużikali l-Ħadd ta' wara. Fit-tieni kitba kien rapportat illi l-Ħadd 14 t'April 1889 daqqet għall-ewwel darba *"la Società Filarmonica del Casino San Filippo"*.**

Konvenjentement is-sur Camilleri ma jagħtix kas l-ismijiet sħaħ tal-baned li kien hawn f'Ħaż-Żebbuġ f'dawk is-snin għax jixtieq jemmen li sa dik is-sena kien hemm biss il-Banda De Rohan. Il-gazzetta l-ewwel semmiet il-banda bħala *"Società Filarmonica San Filippo della Citta Rohan"* u tnax il-jum wara kkoreġiet l-isem għal *"la Società Filarmonica del Casino San Filippo"*. Kif spjegat fil-ktieb il-"Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" f'paġna 33 u kif erġajna fissirna fil-ktieb tal-festa tas-sena 2013, fost drabi oħra, u kif tixhed il-Guida Generali tal-1893, fil-bidu tas-snin disgħin kienu jeżistu żewġ baned bl-ismijiet:

(1) *"**Società Filarmonica Rohan***, Zebbug –Scuola, Strada Reale, 72, 73, 74. A questa Scuola è unito **il Casino San Filippo** *sotto la direzione di un comitato. Presidente, Vincenzo Zammit Camilleri, Direttore, Lorenzo Gatt*." u

(2) "***Società Filarmonica S. Filippo Indipendente**, Zebbug-273, 274 Strada Reale. A questa Scuola è unito un Casino sotto la direzione di un comitato*. Associazone trim 2s.2d. Presidente, Gavino Naudi, Direttore, Giacchino Galea.

Kemm dak iż-żmien isem il-Banda San Filep tallum kien *Società Filarmonica S. Filippo Indipendente*, ikompli jikkonfermah il-ħlas ta' £2.50s li sar fl-1890 minn Dun Pawl Saydon lill-kaxxier Gawdenzio Agius għall-banda tal-"*Casino Indipendente S. Filippo del Zebbug"* li daqqet nhar il-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq.[1]

Jidher ċar għal min irid jara, li s-*Società Filarmonica del Casino San Filippo* hija propju dik li llum hija l-Banda De Rohan. Dan ifisser illi l-iskoperta ġdida tas-sur Camilleri tikkonferma l-bidu formali tal-Banda De Rohan. Għax wara kollox għalkemm l-apoloġisti ta' din il-banda jsostnu li fl-1892 is-surmast Lorenzo Gatt ħa t-tmexxija tal-banda minn idejn Mikiel Anġ Debono li kien imexxi l-*Banda del Zebbug* huwa magħruf li dan mhux il-mod kif saru l-affarijiet. Il-*Banda del Zebbug* żarmat għal kollox u l-istrumenti tagħha tpoġġew f'dar privata, numru 222-223 fi Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ.[2] Għalhekk il-kitba fil-gazzetta MALTA tal-1889 fil-fatt tikkonferma dak li ilu miktub fil-kotba tal-Banda San Filep.

Is-Sur Camilleri jibbaża fuq dak li jidher fir-reġistri tal-knisja u fejn ma jsibx ħlasijiet lil xi banda msemmija b'isimha jew almenu b'isem xi diriġent tagħha jikkonkludi li dik il-banda ma kienetx teżisti f'dawk is-snin. Dan mhux bilfors kien hekk. Li jfisser huwa

biss li ma sarx ħlas u mhux li l-banda ma daqqitx jew li ma kienetx teżisti. Qed ngħidu dan għaliex nafu li d-diriġenti tal-Banda di San Filippo kienu ddeċidew li ma jieħdux ħlas għas-servizzi tal-banda per eżempju fil-festa ta' San Filep minn meta beda jsir il-ġbir għall-istatwa tal-fidda. Imbagħad hemm il-ħafna drabi fejn il-prokuraturi ta' festi sekondarji jsemmu ħlas għal banda bla ma jsemmu liema kienet il-banda jew min tħallas f'isimha. Bejn l-1846 u l-1906 jidhru aktar minn ħamsin każ bħal dan. Min jaf għaliex għamlu hekk jew x'banda kienet, la darba fil-parti l-kbira minn dawn is-snin f'Ħaż-Żebbuġ kien hawn baned formali?



LEUUEL SENA

NUMRU 3

ID-DAUL

GIURNAL-RELIGIUS-POLITICU-COMMERCIALI

15 ta Marzu 1888.

ID-DAUL

Gurnal bil Malti. Johrog tlet darbiet fixxghar fil 5, 15 u 25. Ikum xelin coll tlett xiur, bil kud diem. L'officiu it-triek ta San Paul Numru. 321.

Min icun irit igib l'avvis tal hanut xelin u nofs cull tliet xiur u icollu giurnal cull darba.

Numru uahdu zeug soldi.

Min icun irid igib xi hagia fil giurnal jibghat fl' officiu fein tigià ghedna. Ittri mumiex imhalsa ma naccettaughomx, u dauch li ma icunux iffirmati ma nippubblichughomx.

MALTA

15 TA MARZU 1888

ID-DIMOSTRAZIONI

Nghar il Hatt, phal ma chien avzat, saret id-dimostrazioni ad unur tal cunsiglieri il giodda, u harget verament chif uihed chien

jixtiek. Fit-tlieta u nofs ta uara nofs inghar, fic-Circulu *Fortunatu Mizzi* bedghou jitkasmu il bandalori u il bandiri fein min em telku ghal Casin *La Vallette* u em chien em il banda tigià lesta ghal biex tmarca ghal Furiana u intakdu ma xulxin. Fl'erbgha nakes quart chif chien cullhatt migbur flimchin mall banda f'nofs l'ghajat u iccapcip inbeda il marc u telku ghal Furiana. Il Piazza St. Anna chienet mimlia bin-nies. Uakt xi l'erb... u nofs id-dimostrazioni bedghet il marcia. Leuuel ma

ti inhabba fil mohkria li jahkarom u ma bghakalux hlief uihed u ma dan inzertalu li sab ihor li daun it-tuei flimchien zammeulu il giurnal. Daun *Bertu* x'ghamel ma fittex izied maltin, ma talab lil uihet

presenti jiddichiara illi ghalchem gravement marid u fis-sodda, kaui fis-sensi tighou u haseb u jahseb illi il bniedem ghalchem jaghmel f'haitu tigi fl'ahhar is-sigha tighou

*kassis* talli giabarlu ... voti min haz-Zabbar.

12mo. Ihalli lis-scrivania tighou lili nutar, li kighed naghmel dan it-testment talli dejem cont



ID-DAUL

marcia kuddiem hua l'istandard tal *Poplu*, u mighou bosta tfal bil palm u uerak tazzebbug, uara daun il bandalori li jippresentau dauch il gazzetti tal Partit *Nazionali*, uaraighom il banda tan-*Naxxar*, umbghat tal *Mosta*, tal haz-*Zebbug* ta *Hal-Kormi* ta *Halluka*, ta città Rohan, l'istandard ta *Hallia*, ta *Hal Tarxien*, tal *Melleha*, il banda taz *Zurrick*,

verament chien emm x't... il banda colla idokku m... isbah, bandalori jixxei... ta evviva, bghakou gha... da Riali fein chien hem... runi *Azzopardi* li be... u jitfa quantita ta be... Verament chien figha... ghain sabiba starda R... nizlin mil gallarii, cpip... tar jixxeiru fl'idein gha... cullhatt flimchien ch...

*Dettall ta' parti mir-rapport li deher fil-ġurnal "Id-Daul" tal-15 ta' Marzu 1888.*

Messaġġi
Mill-Każin
Festa 2014
Patrimonju
Vassalli
Profili Żebbuġin
Poeżiji
Obitwarji
Mid-Djarju

Issemmiet il-gazzetta "Id-Dawl" tal-15 ta' Marzu 1888 fejn kien rapportat li ħdax-il banda ħadu sehem f'dimostrazzjoni nazzjonali mill-Furjana sal-Belt. Is-sur Camilleri nnota li ma tissemmhiex s-*Soc. Fil. S. Filippo* u allura jidhirlu li jista' jgiddeb dan li nkiteb fil-"Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" f'paġna 39. Hawhekk qed inġibu kopja tar-rapport ta' dil-gazzetta. Jekk wieħed jiflih sewwa jara illi fl-istess sentenza jissemmew żewġ baned minn Ħaż-Żebbuġ, u jsemmihom mifrudin b'żewġ baned oħra u allura jidhru distinti minn xulxin. Nikkwotaw: "uaraighom il banda tal-*Mosta,* tal Ħaz-Zebbug ta *Hal-Kormi* ta *Halluka*, ta' Città Rohan, l'istandard ta' Hallia, ta Hal Tarxien....."

Interessanti l-kumment li kiteb fl-ittra tiegħu s-sur Camilleri fir-rigward tal-ittra li l-Arċipriet Franceco Borg kiteb lis-*Società della Banda San Filippo* fl-1864 b'radd il-ħajr għall-għajnuna fil-ġbir għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep, liema ġbir sar bejn l-1860 u l-1864. Skont is-sur Camilleri, "l-ittra tal-Arċipriet Francesco Borg jidher li huwa każ ta' ittra lil nies li kellhom f'moħħhom li jifformaw banda u jsemmuha *Banda San Filippo* imma li din tagħhom kienet xewqa bla temma ladarba sal-1889 ma tidher imkien iddoqq." Mela l-ittra m'għadhiex falza kif sena ilu qal li hija l-irħama mal-faċċata tal-każin li rriproduċiet din l-ittra! Issa vvinta interpretazzjoni ġdida! Jippretendi li jaf aktar minn nies bħal Gawdenz Tanti[3] u Kalċidon Mallia li missierijiethom kienu fil-kumitat u fil-banda fi żmien bikri ħafna fil-ħajja tal-*Banda San Filippo*.


Alla Soc. della Banda San Filippo, in segno di rispetto
e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa Società
durante la raccolta per la Statua Artistica
D'argento di San Filippo.
Arc. Sac. Francesco Borg.
ST. PHILIP BAND CLUB A.D. 1851
3 Aprile 1864

Il-problema tas-Sur Camilleri hija li jingħalaq billi jorbot wisq ma dak li sab jew ma sabx fl-arkivju tal-parroċċa. Minbarra dan l-arkivju hemm sorsi oħra utli li wieħed ma jistax jiskartahom. Anke fir-rigward tar-reġistri fl-arkivju tal-parroċċa, jagħżel li ma jagħtix kas dawk il-każi fejn jidhru jitħallsu għall-banda nies magħrufa li kienu diriġenti tal-Banda San Filep[4] inkella jiddeċiedi li kull wieħed minnhom ifforma banda għall-okkażjoni. Forsi din mhix biss interpretazzjoni ta' konvenjenza min-naħa tas-Sur Camilleri?

Fit-tieni ittra, s-Sur Camilleri jagħmel akkużi malafamanti lit-tlett ko-awturi tal-ktieb "Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" li hu jikkunsidrahom li kienu uffiċjali ta' l-istess każin fiż-żmien li ħareġ il-ktieb. Mill-ewwel beda żbaljat. Minn dawn it-tlieta,

wieħed biss kien u għadu uffiċjal tal-każin. Ieħor kien ilu li spiċċa mill-kumitat tal-każin aktar minn għoxrin sena u l-ieħor kien għadu qatt ma kien uffiċjal tal-każin. Il-kumitat kien infurmat minn dawn it-tlett individwi li kienu qed jaħdmu fuq il-ktieb imsemmi li huma għamlu patt bejniethom li kienu se jagħmlu ħilithom biex isibu l-verita kollha u li jekk il-kumitat ma kienx ikun lest jippubblika dak kollu li jirriżultalhom allura huma ma kienux lesti li jħallu isimhom jidher bħala ko-awturi tal-ktieb.


Introito

1859 10 Febbraio Solennità di San Paolo
Contribuzione per quindici strumenti nuovi per la Banda di San Filippo
Persone contribuenti

| | | |
|---|---|---|
| Filippo Abela | 1 | 5 |
| Gaitano Attard | 2 | . |
| Vincenzo Grech | 1 | . |
| Michele Zammit | 1 | . |
| Giuseppe Gatt | 3 | . |
| Michele Balzan | 2 | 1 |
| Paolo Bonnici | 1 | 3 |
| Salvatore Saul | 1 | — |
| Filippo Scerri | 1 | 1 |
| Michele Borg | . | 6 |
| Salvatore Zammit | . | . |
| Filippo Zammit | 2 | . |
| Gregorio Magri | 1 | 1 |
| Carmelo [illegible] | — | 8 |
| Giuseppe Psaila | 1 | — |
| Filippo Balzan | 2 | — |
| Raccolta in tutto il Casale fatta da Giuseppe Balzan e Gaitano Attard | 12 | 2 |
| Luigi Portelli | 1 | — |
| Filippo Mallia | . | . |
| Filippo Vella | 1 | . |
| Andrea Borg | 1 | 2 |
| Salvatore Saul | 1 | . |
| Pietro Paolo Borg | 2 | 1 |
| Filippo Galea | 3 | 1 |
| Michele Felici | — | 2 |
| Francesco Attard | 1 | 5 |
| Filippo Vassallo | 1 | . |
| Angelo Galea | 2 | 5 |
| Filippo [redacted] Buttigieg | 1 | 6 |

CONT. PA. 913

Is-Sur Camilleri jqajjem dubju dwar min kien Filippo Galea. Donnu għadu ma fehemx illi l-aktar ħaġa mportanti fit-twaqqif tal-Banda di San Filippo u li ddistingwietha mill-gruppi tad-daqqaqa li ppreċedewha u baned oħra li ġew warajha kienet l-organizzazzjoni ta' soċjetà li ssostni lil din il-banda. L-eżistenza ta' din is-soċjetà tal-banda u tal-ħidma tagħha tidher minn żewġ dokumenti li ġew ippubblikati aktar minn darba u li jikkonfermaw

| | | |
|---|---|---|
| Mario Briffa | 2 | 1 |
| Giuseppe Gauci | 1 | 3 |
| Giovanni Agius | 1 | - |
| Paolo Scerri | 1 | - |
| Salvatore Cavallaro | 1 | 1 |
| Mario Dimech | 1 | 4 |
| Giuseppe Agius | 2 | - |
| Filippo Pisani | 3 | 1 |
| Giovanni Tagliana | 1 | - |
| Paolo Borg | 1 | 1 |
| Stefano Galea | 2 | - |
| Giovanni Borg | 1 | 5 |
| Francesco Agius | 1 | 1 |
| Giuseppe Felici | 3 | 1 |
| Giuseppe Galea | 2 | - |
| Andrea Galea | 1 | 6 |
| Giovanni Bonnici | 2 | 2 |
| Nicolo Azzopardi | 1 | — |
| Giovanni Mizzi | 1 | 7 |
| Filippo Micallef | 1 | 1 |
| Michele Muscat | 2 | 1 |
| Lorenzo Attard | 2 | 3 |
| Francesco Agius | 1 | 2 |
| Giuseppe Biscopo | 2 | 2 |
| Antonio Pisani | 3 | 6 |
| Filippo Bugeja | 1 | 1 |
| Salvatore Ciappara | 2 | 4 |
| Giuseppe Attard | 1 | 1 |
| Carmelo Debono | - | 6 |
| Giovanni Caruana | 2 | 6 |
| Carlo Debono | 1 | 4 |
| Rosario Bec | 1 | 1 |
| Giuseppe Gauci | 2 | 1 |
| Raccolte dentro la chiesa | 15 | 2 |

it-tagħrif li għaddew nies xjuħ antiki aktar minn ħamsin sena ilu lil diversi nies li ħadu nteress fl-istorja tar-raħal. Id-dokumenti huma (1) lista ta' nies li taw donazzjoni għax-xiri ta' ħmistax-il strument ġdid għall-*Banda di San Filippo* waqt ġabra apposta li nbiet fl-10 ta' Frar 1859 u li ħa ħsiebha Gaetano Attard; u (2) l-ittra tal-Arċipriet Francesco Borg fl-1864 indirizzata propju lis-*Società della Banda di San Filippo*. Barra minn hekk nafu li l-ħsieb ta'palk għall-banda kien beda qabel l-1860, tant li f'Jannar 1860 il-mastrudaxxa Ġian Patist Gatt tħallas għal xogħol u spejjeż biex jintrama l-palk għall-festa titulari.[5]

Is-Sur Camilleri jagħmel enfasi li PP Castagna jgħid "li fl-1860, f'Ħaż-Żebbuġ, Indri Borg **waqqaf** l-ewwel banda f'Malta ..." u mhux "ħadha minn idejn ħaddieħor". Interesanti li f'paġna 88 tal-ktieb "Belt u Banda De Rohan", l-awtur Francis Galea jgħid hekk: " Jekk nanalizzaw kliem Ciappara kelma b'kelma naslu biex nifhmu li mal-wasla tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ, Indri Borg ġabar il-bandisti tal-lokal u għamel xi kunċerti magħhom. Bl-ebda mod ma jfisser li Indri mar Ħaż-Żebbuġ u beda jrawwem u jgħallem nies f'bandisti." Din taqbel ħafna mal-interpretazzjoni tal-awturi tal-"Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" f'paġna 16, jiġifieri li d-direzzjoni tal-Banda di San Filippo fis-snin qabel Indri Borg kienet waħda instabbli, tgħaddi minn id għall-oħra minħabba l-vojt li ħalla warajh s-safar ta' Filippu Galea. Indri Borg li ismu jidher ukoll fil-lista tal-10 ta' Frar 1859, għamel differenza kbira fil-*Banda di San Filippo* meta ħadha f'idejh u għalhekk ħadd ma jlum lil Castagna li jgħid li Indri Borg waqqaf banda nazzjonali. Fil-fatt jidher li Indri Borg kien diġa beda jaħdem fuq din il-banda sa minn qabel l-1860, liema preparazzjoni u liema tibdil ġabha ma tingħarafx minn kif kienet sal-1860.

Jibqa' l-fatt illi ma nstab ebda dokument li juri li l-banda li PP Castagna u Dun Salv Ciappara jabbinaw ma Indri Borg kienet il- Banda del Zebbug, u wisq inqas li kienet il-Banda De Rohan. Ta' l-ewwel, jew almenu Mikiel Anġ Debono f'isimha, bdiet tissemma f'xi dokument fl-1876[6] waqt li tat-tieni ferm wara. Fl-istess waqt hemm dokumenti li jsemmu ħlas lill-*Banda di San Filippo* fl-1851, 1856, 1857; lista ta' nies li fil-bidu tal-1859 taw flus biex jinxtraw strumenti ġodda għal din il-banda, ħlas għal palk tal-banda f'Jannar 1860, ħajr uffiċjali lis-*Società della Banda di San Filippo* fl-1864, avviż dwar programm mużikali li kellu jsir minn din il-banda quddiem il-Knisja Arċipretali f'Diċembru 1882 u għall-kunċerti bi tħejjija, preżentazzjoni ta' bandalora lil din il-banda f'għeluq l-għoxrin sena mill-wasla tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep, ie fis-sena 1883, ħlas għal servizz mużikali minn din il-banda fil-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq fl-1890 u oħrajn.

Anke l-istudjuż Robert Mifsud Bonnici meta aktar minn ħamsin sena ilu għarbel il-kwistjoni tal-bidu tal-baned f'Ħaż-Żebbuġ kien ikkonkluda li l-Banda San Filep kienet l-ewwel li twaqqfet. Kien wasal għal din il-konklużjoni minkejja li ma kellux f'idejh id-dokumenti kollha li nafu bihom illum. Infatti sa dak inhar kulħadd kien jaħseb

70, Triq Villa Ambrosa
Ħamrun

21 ta' Awissu 1961

"Inselli għalikom. Alla jseddaqkom
bil-barka tiegħu fi djarkom, u
fiċ-Ċirkolu Filarmoniku
'St. Philip'
L-iktar anzjan f'Malta u Għawdex

(firma) - Rob. Mifsud Bonnici

*Silta minn ittra mibgħuta lill-Każin Banda San Filep iffirmata mis-Sur Rob. Mifsud Bonnici, li tinsab fil-ktieb tal-korrispondenza tas-soċjetà ta' dik is-sena.*



Messaġġi
Mill-Każin
Festa 2014
Patrimonju
Vassalli
Profili Żebbuġin
Poeżiji
Obitwarji
Mid-Djarju

li l-Banda San Filep nbdiet minn Indri Borg fl-1860 u li kienet il-banda msemmija minn Castagna u Ciappara. Kien ħabta tal-1959 li xi membri tal-kleru Żebbuġi ġibdu l-attenzjoni tal-kumitat li fl-arkivju tal-Parroċċa tissemma l-*Banda di San Filippo* u allura beda jsir tiftix li qabel qatt ma kien sar.

Meta l-apoloġisti tal-Banda De Rohan jgħidu li "kulħadd jaf" li tagħhom hija l-ewwel banda, inkella li sal-1959 ħadd ma kien jiddubita minn dan, ma jkunux qed jgħidu s-sewwa. KULĦADD jaf li fi żmien meta ż-żewġ gruppi ta' partitarji, Ta' l-Ajkla u Ta' l-Istilla[7] kienu jħobbu jitfgħu il-botti lil xulxin taħt forma ta' taqbiliet, il-partitarji Ta' l-Ajkla kienu jgħajjru lir-rivali billi jqabblulhom:

" Ta' l-Istilla l-ewwel banda,
Minn ta' l-Ajkla milħuqin,
Fl-armar l-ajklieri l-aqwa,
B'nies tas-sengħa miżgħudin."

U saħansitra kienu anke jinku lil tal-Banda San Filep propju bid-difett fiżiku li kellu Indri Borg b'din it-tqabbila[8]:

"*il-ħanżira kellha tnax,*
*wieħed għama ma redax*."

Dawn ma vvintajniomx illum jew il-bieraħ. Kienu jintqalu meta tal-Banda De Rohan kienu jgħidu li kien Angelo Galea li waqqaf il-banda tagħhom. Ix-xjuħ jiftakruhom jintqalu fir-raħal sa tmiem tas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin. Dawn it-taqbiliet li llum ma jqanqlu ebda animosità jixdhu illi l-istess partitarji tal-Banda De Rohan kienu jemmnu li l-Banda San Filep kienet l-ewwel u kienu jassoċjawha ma' Indri Borg.

Filwaqt li ma nippretendux li nafu kollox jew li ma jistax ikollna xi żbalji, qed jiġri li aktar ma din il-ġrajja qed tingħarbel minn għarbiel fin aktar qed jidher ċar li fis-sustanza l-pożizzjoni tal-Għaqda Każin Banda San Filep hija korretta u ta' min jorbot fuqha. Il-fatt li min ma jaqbilx mal-argumenti tagħna qed jirrikorri għal ċertu kliem dispreġġjattiv u aġġettivi xejn kumplimentużi ndirizzati lejna jkompli jurina li ma għandniex minn xiex niddejqu. Ħalli wieħed ikompli jargumenta u jfittex imma dan m'għandux għalfejn isir bi skop ta tkasbir. Aħna tinteressana l-istorja tal-Għaqda tagħna u meta nsemmu xi punti fuq l-istorja ta' ħaddieħor mhux għax nippretendu li għandna ngħidulhom aħna fuqha imma biss biex insewwa xi żbalji li jkunu intqalu u li jolqtu l-istorja tagħna.

**Referenzi**

1 Santa Katerina, Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq, p 156.

2 Il-Berqa, 2 ta' Ġunju 1959, p7.

3 Minbarra Carlo missier Gawdenz, anke zijuh Girolamo kien fil-kumitat lejn tmiem is-snin tmenin tas-seklu dsatax.

4 Bħal Antonio Pisani (fis-snin 1869-1871), Gaetano Attard (fis-snin 1861-1879), Giacchino Mallia (fis-snin 1872-1886), Angelo Chircop (fis-snin 1885-6).

5 Dun Salv Caruana, Il-Palk Skorfina, 12th May Band & Social Club, Pubblikazzjoni Speċjali, 31 ta' Mejju 1997.

6 *Sa l-1876 Mikiel Anġ Debono kien president tal-Banda di San Filippo, imma f'din is-sena tlewwem, telaq u rama banda ġdida.*

7 Ta' L-Istilla huma tal-Banda San Filep, waqt li Ta' l-Ajkla huma tal-Banda De Rohan, kif għadhom magħrufin sal-lum ġo Ħaż-Żebbuġ.

8 Mariella Attard, Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep, 1985, p62.